MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-13 ta' April, 2007

Appell Civili Numru. 16/2004/1

**Mary Green mart Ajad Farhat u l-istess Ajad Farhat**

**v.**

**Avukat Generali u b'digriet tat-8 ta' Lulju 2004 gie kjamat in kawza d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell, interpost minn Mary Green u minn Ajad Farhat minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti

Civili (fil-kompetenza Kostituzzjonali u Konvenzjonali taghha) fid-29 ta' Novembru 2006. Ghall-ahjar intendiment tas-sentenza odjerna, tajjeb li jigu riprodotti kemm ir-rikors promotorju tar-rikorrenti (illum appellanti) maghmul quddiem il-Prim Awla, kif ukoll ir-risposti ta' l-Avukat Generali u tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

**2.** Ir-rikors promotorju, intavolat fl-1 ta' Gunju 2004, kien ighid hekk:

"Illi huma zzewgu fil-Libja fis-7 ta' Awissu 1980 u dan skond il-ligijiet vigenti ta' dak il-pajjiz u damu jghixu gewwa l-Libja ghal ghoxrin sena.

"Illi Mary Green kienet precedentament marbuta bi zwieg iehor.

"Illi d-domicilju taz-zwieg kien dak tal-Libja kif ukoll jirrizulta l-fatt illi wara z-zwieg damu ghoxrin sena mizzewgin.

"Illi madwar erba' snin ilu, Mary Green riedet terga' tirritorna Malta u zewgha beda jinghata permess temporanju biss sabiex jirrisjedi maghha.

"Illi minkejja kull tentattiv sabiex jigi rikonoxxut iz-zwieg taghha skond il-principji tal-*lex loci contractus*, l-Awtoritajiet Maltin baqghu jippersistu illi dan ma jirrikonoxxuhx b'konsegwenza illi hija qed tigi mcahhda mid-dritt fundamentali taghha illi jkollha l-familja taghha.

"Illi persistentament l-esponenti Ajad Farhat qed ikollu jmur fl-Ufficcju ta' l-Emigrazzjoni biex <u>b'koncessjoni</u> igeddulu l-permess biex joqghod Malta.

"Illi Mary Green hija cittadina Maltija u zammet ic-cittadinanza taghha.

"Illi skond il-principju internazzjonalment rikonoxxuti fid-dritt internazzjonali privat dwar il-validita` ta' zwieg kontratt, tipprevali l-Ligi tal-post fejn ikun celebrat. Illi c-cahda ta' l-Awtoritajiet Maltin illi jirrikonoxxu tali zwieg

huwa ksur ta’ l-**Artikolu 8 ta’ l-iskeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

“Illi l-esponenti ikkontrattaw zwieg b’rit religjuz ta’ religjon universalment rikonoxxuta.

“It-trattament illi qed tinghata fil-ligi taz-zwieg lir-religjon ta’ l-esponenti komparat ma’ religjonijiet ohra huwa manifestament diskriminatorju u dan bi ksur ta’ l-**artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea Kap 319** (l-Ewwel Skeda).

“Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikajra illi in esekuzzjoni ta’ l-**artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem,** l-esponenti ghandhom dritt illi jkunu meqjusa bhala mizzewgin ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi ta’ Malta u dan wara, illi jekk hemm bzonn jigi dikjarat illi l-Att dwar iz-Zwieg johloq diskriminazzjoni mhux gustifikata u dan bi ksur ta’ l-**artikolu 14** ta’ l-istess Konvinzjoni Ewropea u konsegwentament taghti rimedju illi z-zwieg ta’ l-esponenti jigi regolarment irregistrat f’Malta.”

**3.** L-intimat Avukat Generali wiegeb hekk:

“Illi l-Avukat Generali m’huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talba *stante* illi din tittratta dwar funzjoni illi tappartjeni lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u mhux lilu.

“Illi in kwantu l-azzjoni tar-rikorrenti qieghda ssir sabiex tenforza pretensjonijiet illi r-rikorrenti ghandhom biex jirregistraw l-att taz-zwieg ta’ bejniethom f’Malta ghax jippretendu li huma ghandhom dritt illi jaghmlu hekk skond l-Att dwar iz-Zwieg, huwa opportun illi din l-Qorti tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha skond il-**Kap 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Art 4 (2))** *stante* illi ma giex ezawrit il-mezz ordinarju ta’ rimedju illi permezz tieghu persuna tenforza d-drittijiet taghha b’kawza ordinarja li ssir b’citazzjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili.

“Illi in kwantu huwa allegat illi r-rikorrenti huma vittmi ta’ xi diskriminazzjoni bejn ir-Religjonijiet, illi huma jallegaw illi

hemm fil-Ligi Maltija dwar iz-Zwieg bi ksur ta' l-**artikolu 14** tal-Konvenzjoni Ewropea, huwa sinifikanti illi r-rikorrenti ma gabu ebda spjegazzjoni biex juru kif suppost hemm din l-allegata diskriminazzjoni Religjuza u din it-talba hija manifestament infondata u frivola.

"Illi l-fatti ta' dan il-kaz ma jqajmu ebda kwistjoni dwar id-dritt ghall-hajja familjari peress illi dan id-dritt mhux bilfors irid jigi ezercitat f'Malta u r-rikorrenti huma liberi illi bhal ma, skond huma, ghamlu f'dawn l-ahhar ghoxrin sena, jezercitaw id-dritt ghall-hajja familjari f'pajjiz iehor.

"Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u biex jispjega s-sitwazzjoni l-esponent jirrileva wkoll is-segwenti:

"Illi l-fatti li huma a konoxxenza tad-Direttur tar-Registru Pubbliku huma s-segwenti:

"Illi r-rikorrenti Mary Green hija cittadina Maltija u fid-19 ta' Gunju 1978 izzewget lil Anthony Bonnici f'Malta fil-Knisja Parrokkjali tal-Gzira (Certifikat taz-zwieg numru 1169/1978).

"Fid-19 ta' Mejju 1994 ir-rikorrenti rregistrat il-fatt illi hija trid tirriverti ghall-uzu tal-kunjom taghha ta' xebba u *cioe`* il-kunjom Green skond id-dritt moghti mill-**artikolu 89(3) ta' l-Att XXI tal-1993** li emenda l-**Kodici Civili**.

"Illi f'Novembru 2000 ir-rikorrenti ghamlet talba fir-Registru Pubbliku biex tirregistra f'Malta zwieg iehor illi hija qalet li kienet ikkontrattat ma' Ajad Farhat fis-7 ta' Awissu 1980 fil-Minicipalita` ta' Aboud Alim fil-Libya.

"Illi sussegwentament ir-rikorrenti baghtu kopja ta' certifikat tradott bl-Ingliz mill-*'International Office for Legal Translation and Authentication'* ta' Jamil Hamed Taher skond liema certifikat, allegatament mahrug mill-*"Court of First Instance of South Tripoli'* u ffirmat mill-President ta' dik il-Qorti fit-30 ta' Jannar 2001 (u *cioe*` kwazi ghoxrin sena wara li r-rikorrenti zzewgu fil-Libya) iz-zwieg tar-rikorrenti celebrat f'Malta ma' ragel Nisrani kien gie annullat <u>bhala konsegwenza tal-fatt</u> illi hija kienet

ikkonvertiet ghar-Religjoni Islamika u zzewget ragel Musulman u *cioe*` r-rikorrent l-iehor Ayad Farhat.

“Illi r-ragunijiet ghar-rifjut tar-registrazzjoni huma s-segwenti:

- Illi d-Direttur tar-Registru irrifjuta illi jirregistra f’Malta z-zwieg celebrat fil-Libya fis-7 ta’ Awissu 1980 *stante* illi r-rikorrenti skond il-ligi Maltija kienet ghadha marbuta biz-zwieg taghha precedenti u *stante* illi huwa ma kienx gie fornut b’kopja tad-decizjoni tal-Qorti kompetenti rigward l-allegat annullament ta’ l-ewwel zwieg u lanqas ma kien gie fornut bi provi tad-domicilju tar-rikorrenti fil-Libya.

- Illi *stante* illi skond il-ligi Maltija persuna li tkun diga` marbuta bi zwieg ma tistax tikkontratta zwieg iehor, huwa car illi r-rikorrenta biex tirregistra t-tieni zwieg taghha f’Malta kellha turi illi qabel ma kkontrattat dak it-tieni zwieg hija kienet inhallet validament (u *cioe*` skond l-**artikolu 33** ta’ l-Att dwar iz-Zwieg) miz-zwieg precedenti taghha u kellha turi wkoll li t-tieni zwieg taghha ma kienx wiehed poligamu li jmur kontra l-*‘public policy’* Maltija.

- Illi r-rikorrenta baqghet tinsisti illi l-fatt illi hija kienet izzewget fil-Libja jfisser illi hija kienet domiciljata hemmhekk izda dan il-fatt wahdu m’huwiex konkluziv tad-domicilju *stante* illi r-rikorrenta dejjem baqghet cittadina Maltija u fil-fatt irritornat biex tghix f’Malta fejn issa qed taghmel din il-kawza biex tirregistra wkoll it-tieni zwieg taghha.

- Illi huwa car illi ladarba l-ligi Maltija ma tirrikonoxxix l-annullament awtomatiku minn zwieg fil-kaz ta’ bdil ta’ Religjon, it-talba biex tali annullament awtomatiku jigi registrat f’Malta imur kontra l-*‘public policy’* Maltija u tali registrazzjoni ma tistax issir.

“Salvi eccezzjonijiet ohra.”

**4.** Wara li b'digriet tat-8 ta' Lulju 2004[1] gie kjamat fil-kawza d-Direttur tar-Registru Pubbliku, dan wiegeb hekk:
"(1) Illi preliminarjament ir-rikorrenti ma ezawrixxewx il-mezzi ordinarji ta' rimedju qabel ma pprezentaw ir-rikors kostituzzjonali odjern u ghaldaqstant huwa opportun illi din l-Onorabbli Qorti tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha *ai termini* tal-**Kap 319** tal-Ligijiet ta' Malta.

"(2) Illi subordinarjament in kwantu ghall-allegazzjoni tar-rikorrenti illi huma vittmi ta' diskriminazzjoni religjuza illi allegatament hemm fil-**Kap 255** tal-Ligijiet ta' Malta bi ksur ta' l-**artikolu 14** tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponent jirrileva illi r-rikorrenti ma pprezentaw l-ebda prova ta' dan it-tip, apparti l-fatt illi din l-allegazzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u vessatorja.

"(3) Illi ma hemm l-ebda kwistjoni dwar id-dritt ghall-hajja familjari f'dan il-kaz *stante* illi r-rikorrenti huma liberi li jezercitaw id-dritt ghall-hajja familjari f'pajjiz iehor, kif allegatament ghamlu ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena.

"(4) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-fatti li huma a konoxxenza ta' l-esponent huma s-segwenti:

"Illi r-rikorrenti Mary Green hija cittadina Maltija.

"Illi skond l-Att taz-Zwieg li jgib in-numru progressiv 1196/1978 irregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, ir-rikorrenti Mary Green izzewget lil Anthony Bonnici fid-19 ta' Gunju 1978 fil-Knisja Parrokkjali tal-Gzira.

"Illi fid-19 ta' Mejju 1994, ir-rikorrenti avzat lill-ufficjali tar-Registru Pubbliku u irregistrat il-fatt illi hija riedet tirriverti ghall-uzu tal-kunjom xbubitha u *cioe`* "Green" kif kienet intitolata li taghmel *ai termini* ta' l-emendi li gew introdotti bl-**Att XXI ta' l-1993 fil-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta.

"Illi f'Novembru 2000 ir-rikorrenta talbet lill-ufficjali tar-Registru Pubbliku (Malta) biex tirregistra zwieg iehor illi

[1] Fol. 13.

hija stqarret illi ccelebrat ma’ Ajad Farhat fil-Municipalita ta’ Aboud Alim fil-Libya fis-7 ta’ Awissu 1980.

“Illi sussegwentament ir-rikorrenti baghtu kopja ta’ certifikat tradott bl-Ingliz mill-*“International Office for Legal Translation and Authentication”* skond liema certifikat, li kien allegatament, mahrug mill-*“Court of First Instance of South Tripoli”* datat 30 ta’ Jannar 2001 u ffirmat mill-President ta’ dik il-Qorti, li kien jaqra illi z-zwieg tar-rikorrenta ma’ Anthony Bonnici li huwa ragel Nisrani kien gie annullat bhala konsegwenza tal-fatt illi hija kienet ikkonvertiet ghar-Religjon Islamika u zzewget ragel Musulman u *cioe*` r-rikorrent Ayad Farhat. L-esponent jirrileva illi dan id-dokument inhareg kwazi ghoxrin sena wara li r-rikorrenti zzewgu fil-Libya!

“Illi d-Direttur irrifjuta illi jirregistra it-tieni zwieg ta’ Mary Green li stqarret illi gie ccelebrat fil-Libya fis-7 ta’ Awissu 1980 ghar-ragunijiet segwenti:

“Illi r-rikorrenti Mary Green kienet ghadha marbuta bl-ewwel zwieg taghha ma’ Anthony Bonnici *ai termini* tal-**Kap 255** tal-Ligijiet ta’ Malta peress illi ma giex irregistrat fir-Registru Pubbliku (Malta) l-ebda decizjoni ta’ Qorti kompetenti rigward l-allegat annullament ta’ l-ewwel zwieg u lanqas ma giet ipprezentata fir-Registru Pubbliku, l-prova tad-domicilju tar-rikorrenta fil-Libya kif hemm stipulat fl-**artikolu 33 tal-Kap 255** tal-Ligjijet ta’ Malta.

“Illi huwa fatt biex ir-rikorrenta setghet tirregistra skond il-ligi l-allegat tieni zwieg taghha riedet tipprova illi qabel ma dahlet f’dak it-tieni zwieg hija kienet inhallet validament skond il-ligi Maltija u *cioe*` kienet libera u kapaci li terga’ tizzewweg skond il-ligi Maltija minghajr ma t-tieni zwieg ikun poligamu u b’hekk imur kontra l-*‘public policy’* ta’ Malta.

“Illi r-rikorrenta ma gabet l-ebda prova tad-domicilju taghha fil-Libya u ghal dan il-fini l-esponent jirrileva illi r-rikorrenta zammet ic-cittadinanza Maltija u l-fatti juru illi hija giet lura biex tghix hawn Malta fejn qed tipprezenta dan ir-rikors.

"Illi huwa car illi l-ligi Maltija ma ttirrikonoxxix annullament awtomatiku minn zwieg ghar-raguni illi jkun hemm bdil ta' xi Religjon, u ghalhekk it-talba intavolata fir-rikors odjern biex tali annullament awtomatiku jigi registrat fir-Registru Pubbliku (Malta) hija manifestament kontra l-*'public policy'* ta' Malta u ghaldaqstant tali registrazzjoni ma tistax issir u t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda."

**5.** B'sentenza moghtija, kif inghad, fid-29 ta' Novembru 2006, l-ewwel Qorti ddecidiet hekk:

**"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza d-Direttur tar-Registru Pubbliku, u ghalhekk tichad it-talbiet tar-rikorrenti kontenuti fir-rikors taghhom datat l-1 ta' Gunju 2004 stante li r-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji ai termini tal-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 kollox kif hawn deciz. Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti."**

**<u>Kwadru tal-fatti</u>**

**6.** Qabel ma tghaddi biex tikkonsidra l-appell, ikun opportun li wiehed jirriassumi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza u, per konsegwenza, ghal dana l-appell. Jista' wkoll jinghad li dwar il-fatti bazici ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet – il-kontestazzjoni hija dwar l-implikazzjonijiet legali ta' dawk il-fatti.

**7.** Mary Green izzewget hawn Malta – precizament fid-19 ta' Gunju 1978 – lil Antonio Bonnici[2]. Sentejn wara, fl-<u>1980</u>, hija telqet minn Malta – skond Antonio Bonnici, harbet[3] – lejn il-Libja fejn hemm, <u>tliet xhur wara</u>[4] hija zzewget lil Ajad Farhat. Biex ghamlet hekk, jidher li l-

---

[2] Ara certifikat a fol. 46.
[3] Fo. 81.
[4] "…jien wasalt il-Libja imbaghad wara ghandikun xi tliet xhur, fis-7 ta' Awissu, izzewwigt ghax huma ma jzewwgukx mill-ewwel, qeghduni qisu go istitut sakemm ikolli l-annullament ta' l-ewwel ragel f'idi imbaghad izzewwigt…" – Fol. 65.

ewwel kellha tiddikjara li hija saret Musulmana u li ma baqghetx Nisranija, u b'effett ta' tali dikjarazzjoni l-ewwel zwieg jigi meqjus bhala null u ghalhekk inghatat il-permess minn Qorti Libika biex tizzewweg skond il-ligi ta' dak il-pajjiz. In fatti, skond certifikat datat 30 ta' Jannar 2001 [5] li jidher li hu mahrug mill-Qorti ta' Prim Istanza tan-Nofsinhar ta' Tripli, jinghad *inter alia* hekk: *"…And whereas the spouse has adopted Islamic religion before her concluding her marriage act with the applicant, her former marriage to the Maltese Christian husband, therefore, shall be deemed null and void, and the Islamic legal act of marriage shall substitute the former act of marriage. The procedures of the act of marriage between the convert and in conformity with Islamic law provisions* (sic!)*."* Skond certifikat iehor[6], din id-darba datat 22 ta' Settembru 2002, ukoll mahrug mill-imsemmija Qorti, jinghad: *"…After reviewing the application submitted by Mary Green, nationality: Maltese, The certificate issued by the International Association of Islamic Call regarding her Islamic proclaim, dated 1.6.1980 So the marriage with the Christian, the Maltese Antonio Bonnici is not valid and cancelled, after her Islam declaration."* Jidher, ghalhekk, li wara li l-appellanti Mary Green kienet ilha biss ftit gimghat fil-Libja hija ddikjarat li kienet saret Musulmana u giet awtorizzata skond il-ligi biex tizzewweg skond il-ligijiet allura vigenti f'dak il-pajjiz. L-appellanti tammetti fid-deposizzjoni taghha li Antonio Bonnici ma kien jaf b'xejn dwar dak li kienet ghamlet fil-Libja[7]. Hija baqghet tghix il-Libja, pero` wara xi hames snin bdiet kultant tigi Malta biex tara lill-familjari taghha. Fil-fatt ghamlet xi daqs ghoxrin sena tghix regolarment fil-Libja. F'okkazjoni minnhom meta hija giet Malta f'Mejju tal-1994 hija marret ir-Registru Pubbliku u talbet li, bhala mara mizzewga lil Antonio Bonnici, jigi registrat li hija ser tirreverti ghal kunjom xbubitha, cioe` dak ta' Green, u effettivament imtliet il-formula appozita[8]. F'ebda hin hija ma nfurmat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku li hija b'xi mod kienet iddivorzjat lil Antonio Bonnici jew li z-zwieg taghha mieghu

[5] Fol. 28 u 49.
[6] Fol. 27 u 54.
[7] Fol. 66.
[8] Ara dokument a fol. 47 – Artikolu 4(5) tal-Kodici Civili.

kien gie annullat. Meta eventwalment hi u Ajad Farhat iddecidew li jigu jghixu Malta, li kien bejn l-2000 u l-2001, hija marret ir-Registru Pubbliku u talbet li tirregistra z-zwieg taghha ma' l-imsemmi Ajad Farhat. Id-Direttur tar-Registru Pubbliku – appellat odjern – irrifjuta li jaghmel hekk u dan bazikament ghax fl-istess Registru kien ghadu jidher li kien hemm zwieg validu bejnha u bejn Antonio Bonnici, u li ma kien gie prodott a sodisfazzjon tieghu ebda dokument ta' Qorti kompetenti barranija dwar l-annullament ta' l-ewwel zwieg taghha jew id-divorzju taghha mill-istess Bonnici, skond ma jipprovdi l-Artikolu 33 tal-Kap. 255, li huwa (id-Direttur) seta' jirregistra. Huwa ghalhekk indikalha li kellha ggib l-*exequatur* ta' Qorti Maltija li tordnalu jirregistra l-allegat annullament jew divorzju taghha miksub f'xi zmien fl-1980, b'mod li bhala konsegwenza kien ikun jista' jirregistra it-tieni zwieg taghha ma' l-appellant Ajad Farhat. Minflok ghamlet hekk, Mary Green (u Ajad Farhat) ghamlu kawza kostituzzjonali bl-allegazzjonijiet aktar 'l fuq imsemmija ta' ksur ta' l-Artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni.

**<u>L-appell</u>**

**8.** L-aggravji ta' l-appellanti, ghalkemm sparpaljati 'l hawn u 'l hinn fir-rikors ta' appell minghajr ebda ordni ta' hsieb, jistghu jigu sintetizzati (mhux minghajr diffikulta`) hekk: (1) l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta ddeklinat li tezercita s-setghat taghha, u dan peress li ma kienx hemm rimedju ordinarju xieraq disponibbli ghalihom, kif dehret li kienet qed tghid li kien hemm, u (2) l-ewwel Qorti, ghalkemm donnha qalet li qed tiddeklina li tezercita s-setghat taghha skond il-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319, fil-fatt dahlet fil-meritu u finalment iddecidiet li ma kienx hemm vjolazzjoni tal-Artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

**9.** Jinghad mill-ewwel u bla tlaqliq li in parti l-appell huwa fondat, izda dan biss in kwantu, galadarba l-ewwel Qorti ddecidiet li kien hemm rimedju ordinarju xieraq ghal-lanjanza tar-rikorrenti, hija ma setghetx imbaghad tidhol

fil-meritu u "tichad it-talbiet tar-rikorrenti", kif effettivament ghamlet.

**10.** Kif jidher minn dak li nghad hawn aktar 'l fuq, ir-rikorrenti, illum appellanti, qed jallegaw vjolazzjoni tad-drittijiet taghhom garantiti bl-Artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea minhabba l-fatt li d-Direttur tar-Registru Pubbliku ma jridx jirregistra iz-zwieg taghhom kontrattat fil-Libja fis-7 ta' Awissu 1980. Tali registrazzjoni tiddependi, skond l-istess Direttur, mir-registrazzjoni jew rikonoxximent minnu jew da parti tieghu tal-annullament jew divorzju miksub minn Mary Green qabel ma hija ghaddiet ghat-tieni zwieg taghha (u dan peress li f'dan il-kaz <u>diga` hemm zwieg validu iehor registrat f'Malta</u> bejn Green u Antonio Bonnici). Fil-fehma ta' din il-Qorti tali posizzjoni u sekwenza hija *prima facie* konformi mal-ligi. Infatti, l-Artikolu 33 tal-Kap. 255 jipprovdi hekk:

**"Decizjoni ta' <u>qorti barranija</u> dwar l-istat ta' <u>persuna mizzewga jew li tolqot dak l-istat</u> ghandha tkun rikonoxxuta ghall-finijiet kollha ta' ligi f'Malta jekk id-decizjoni <u>tinghata minn qorti kompetenti</u> tal-pajjiz li fih xi wahda mill-partijiet fil-procedimenti tkun domiciljata jew li tieghu xi wahda mill-partijiet tkun cittadin."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

L-Artikolu 18(b), inoltre, jipprovdi li:

**"Zwieg, sew jekk isir f'Malta sew jekk isir barra minn Malta, ikun validu ghall-finijiet kollha tal-ligi f'Malta jekk – … (b) dwar il-kapacita` tal-partijiet, kull wahda mill-persuni li jkunu ser jizzewgu tkun kapaci li tizzewweg skond il-ligi tal-pajjiz <u>tad-domicilju</u> rispettiv taghha."** (sottolinear ukoll ta' din il-Qorti).

**11.** Il-problema li donnu qed jirravviza id-Direttur tar-Registru Pubbliku hi li ghalkemm Maria Green ipproduciet xi certifikati mahrugin mill-awtoritajiet Libici, hu (id-Direttur) mhux sodisfatt li fil-mument meta ghaddiet biex tizzewweg lil Ajad Farhat hija kienet kapaci li tizzewweg skond il-ligi tal-pajjiz tad-domicilju taghha u dan peress li hija ma kellhiex l-istat liberu minhabba li ma kienx hemm

decizjoni ta' qorti barranija skond l-Artikolu 33 imsemmi li kienet annullat l-ewwel zwieg taghha jew li kienet akkordatilha (dejjem konformement mal-imsemmi Artikolu 33) id-divorzju minn ma' Antonio Bonnici. Issa hu evidenti li meta d-Direttur tar-Registru Pubbliku ma jkunx irid jirregistra decizjoni bhalma hemm imsemmija fl-Artikolu 33 jew li jirrikonoxxi zwieg li ghalih jirreferi l-Artikolu 18, tkun xi tkun ir-raguni (anke jekk, per ezempju, minhabba li jgib 'l quddiem ragunijiet ta' "public policy") ir-rimedju ordinarju ma hux li wiehed jiftah kawza kostituzzjonali b'allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fondamentali, izda li wiehed jirrikorri, fil-konfront tal-istess Direttur (u fil-konfront ta' persuni ohra jekk ikun il-kaz) quddiem il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Generali – il-Prim Awla tal-Qorti Civili – ghal decizjoni li permezz taghha dik il-Qorti tista' tordna lid-Direttur li jirregistra u/jew li jirrikonoxxi skond il-kaz. Kif gie ritenut minn din il-Qorti fil-kawza ***Melita Cable p.l.c. v. L-Avukat Generali et*** (deciza fis-16 ta' Jannar 2006) fir-rigward tal-ezistenza o meno ta' "mezzi xierqa ta' rimedju" ohra meta jkun qed jigi lamentat ksur tad-drittijiet fondamentali:

**"Il-gurisprudenza f'dan ir-rigward giet riassunta b'mod konciz u korrett mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tat-30 ta' Gunju 2004 fil-kawza fl-ismijiet *Olena Tretyak v. Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs* – kawza li qed tigi ikkonfermata minn din il-Qorti b'sentenza moghtija llum stess. F'dik is-sentenza il-Prim Awla qalet hekk: *'Illi meta jinghad li jkun hemm rimedju iehor xieraq, dejjem ikun qieghed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat [9]. M'hemmx ghalfejn li, biex jitqies bhala effettiv, ir-rimedju jintwera bhala wiehed li se jaghti lir-rikorrent success garantit, bizzejjed li jintwera li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci [10]…'.* "**

---

[9] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawza fl-ismijiet *Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et* (Kollez. Vol: LXXV.i.106).

[10] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawza fl-ismijiet *Clifton Borg v. Kummissarju tal-Pulizija* (mhix pubblikata).

**12.** Din il-Qorti hi tal-fehma, bhall-ewwel Qorti, li l-appellanti kellhom, u jidher li ghad ghandhom, rimedju ordinarju xieraq ghall-lemanteli taghhom ta’ ksur tad-drittijiet fondamentali taghhom, u cioe` li jirrikorru quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili kif inghad, fi proceduri ordinarji u mhux ta’ indoli kostituzzjonali, liema Qorti, jekk issib li l-oggezzjoni u/jew ir-rifjut tad-Direttur ma humiex skond il-ligi, tordnalu jirregistra jew jirrikonoxxi skond il-kaz. Tali ordni, fl-eventwalita` li jinghata, ghandu jgib fix-xejn il-lamentali kollha tar-rikorrenti appellanti. Id-determinazzjoni ta’ jekk Mary Green kienitx libera li terga’ tizzewweg fl-1980 u tar-rikonoxximent tal-annullament tal-ewwel zwieg jew tad-divorzju taghha jehtiegu provi li effettivament anqas saru quddiem l-ewwel Qorti – per ezempju, provi dwar domicilju u dwar il-ligi Libika fost ohrajn, u jekk l-annullament taz-zwieg taghha ma’ Bonnici jew id-divozju taghha minn mieghu nghatax minn “qorti” jew kienx semplicement approvat bhala stat ta’ fatt minghajr ebda ezami minn “qorti” – kif ukoll approfondiment ta’ certi aspetti tad-dritt internazzjonali pubbliku u tal-ordni pubbliku Malti, approfondiment li m’ghandux isir mill-ewwel fil-kuntest ta’ kawza ta’ indoli kostituzzjonali. Ghalhekk din il-Qorti sejra tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Qorti in kwantu din iddeklinat milli tezercita s-setghat taghha, kif ukoll in kwantu lliberat lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-Gudizzju.

**13.** Din il-Qorti, pero` u ghar-ragunijiet aktar ‘l fuq imfissra, sejra tirrevoka dik il-parti tad-dispozittiv fejn l-ewwel Qorti “cahdet it-talbiet tar-rikorrenti” – galadarba hija ddeklinat milli tezercita s-setghat taghha, kellha tieqaf hemm u mhux effettivament tidhol fil-meritu.

**<u>Decide</u>**

**14.** Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi (**1**) tikkonfermaha f’dik il-parti fejn laqghet l-ewwel eccezzjoni ta’ l-intimat Avukat Generali u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju, kif ukoll f’dik il-parti fejn laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat in kawza d-Direttur tar-

Registru Pubbliku fis-sens li r-rikorrenti ma kienux ezawrixxew ir-rimedji ordinarji u ghalhekk dik il-Qorti iddeklinat milli tezercita s-setghat taghha skond is-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 peress li l-istess rikorrenti kellhom disponibbli favurihom skond il-ligi ordinarja mezzi xierqa ta’ rimedju ghall-ksur minnhom allegat, izda (**2**) thassarha u tirrevokaha limitatament ghall-kliem “u ghalhekk tichad it-talbiet tar-rikorrenti kontenuti fir-rikors taghhom datat l-1 ta’ Gunju 2004” stante li dawn il-kliem huma inkompatibbli mal-applikazzjoni tal-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 imsemmi; u (**3**) thassar ukoll dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti akkollat l-ispejjez kollha lir-rikorrenti appellanti, u minflok tordna li l-ispejjez kemm tal-ewwel kif ukoll ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati kwantu ghal tliet kwarti (3/4) mill-appellanti solidament bejniethom u kwantu ghal kwart (1/4) mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, hlief ghall-ispejjez tal-Avukat Generali (kemm tal-ewwel kif ukoll ta’ din l-istanza) li ghandhom jithallsu kollha mill-appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------